MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2010

Numru. 122/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa’**
**vs**
**David Gatt**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat David Gatt ta’ 28 sena, bin Carmel u Rose nee’ Debattista, imwieled Pieta’ fit-18 ta’ Dicembru 1978, residenti f’ 54, ‘Rosca’, Triq il-Qalb Imqaddsa, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 5879(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. F’dawn il-Gzejjer, f’ xi perjodu bejn April 2006 u Lulju 2006, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita’ tieghu ta’ skrivan impjegat ma’ l-Awtorita’ Dwar it-Trasport ta’ Malta (ADT), sew jekk kellu jew ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra

bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta’ stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-Ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-Ligi jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-Ligi;

2. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, fil-kapacita’ tieghu ta’ skrivan impjegat ma’ l-Awtorita’ Dwar it-Trasport ta’ Malta (ADT), in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’ utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li kellhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta’ Dicembru, 2008 (esebit *a folio* 75 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-5 ta’ Marzu, 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa' (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 7 sa 11 tal-process) f'Novembru 2006 l-Pulizija intalbet mill-ADT (Awtorita' Dwar it-Trasport) sabiex tinvestiga certa persuna li kien ghamel test tas-sewqan prattiku meta fil-fatt ma kienx ghadda mit-test tas-sewqan tat-teorija. Il-procedura addottata dak iz-zmien u anki llum sabiex tinhareg licenzja tas-sewqan kienet li wiehed irid l-ewwel jaghmel ezami tas-sewqan tat-teorija u meta jghaddi minn dan it-test irid jipproduci c-certifikat relattiv ghand l-ADT sabiex ikun jista' japplika ghat-test prattiku. Mill-investigazzjonijiet li ghamlet il-Pulizija dwar dan ir-rapport irrizultalha li kien hemm diversi nies li ma kienux ghaddew mit-test tat-teorija izda kienu qed jigu prezentati certifikati foloz sabiex huma mbaghad jersqu ghat-test prattiku. Mill-investigazzjonijiet fil-fatt irrizulta li kienu qed jigu prezentati fotokopji ta' certifikati meta fil-fatt l-originali qatt ma kienu jezistu. Irrizulta li fiz-zmien in dizamina kien hemm zewg persuni inkarigati fi hdan l-ADT li jircievu l-applikazzjonijiet ghat-test prattiku, certu Danilo Bezzina u l-imputat odjern. Dejjem skond l-Ispettur Angelo Gafa' l-imsemmi Danilo Bezzina kien ammetta li huwa kien qed jircievi flus sabiex jaccetta c-certifikati foloz u fil-fatt ittiehdu proceduri fil-konfronti tieghu. Tul l-investigazzjonijiet il-Pulizija kellmet lil certu Stephen Mallia (li xehed fil-proceduri odjerni fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2009) fejn dan kien qalilhom li huwa kien jahdem bhala driving instructor mal-Swallow Garage u spjega li gieli ha fotokopji ta' certifikati foloz u dawn gew processati mill-imputat David Gatt u huwa gieli ghaddielu xi Lm2 talli kien jaqdih. Dan Mallia izda qal lil Pulizija li David Gatt ma kienx ikun jaf li l-fotokopji tac-certifikati kienu foloz u fil-fatt l-Ispettur Angelo Gafa' xehed li tul l-investigazzjonijiet qatt ma rrizultalu li l-imputat kien jaf li c-ceritfikati li kienu qed jigu prezentati kienu fil-fatt foloz.

L-imputat irrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 15 u 16 tal-process) minn fejn jirrizulta li David Gatt kien ikkonferma li rcieva photocopies ta' certifikati u processahom, anki ghaliex fuq il-photocopies li gew murija lilu mill-Pulizija kien hemm it-timbru tieghu, izda huwa qal li ma kienx jaf li dawn kienu foloz, innega li huwa qatt ircieva xi flus sabiex

jaccetta certifikati foloz u spjega li bhal clerks ohra fi hdan l-ADT kien jaccetta photocopies ta' certifikati fuq struzzjonijiet tas-superjuri tieghu Stephen Vella, Joseph Fenech u Ray West. L-imputat innega wkoll li huwa qatt ircieva xi tips jew li qatt iffavorixxa lil xi hadd. Meta xehdu Stephen Vella u Joseph Fenech f'dawn il-proceduri (traskrizzjonijiet relattivi nseriti a fol. 48 u 49 u 39 u 40) huma innegaw li kienu taw xi struzzjonijiet specifici li setghu jigu accettati photocopies izda Joseph Fenech qal li huwa kien ta struzzjonijiet li setghu jigu accettati photocopies biss wara li ssir verifika mal-original. Ray West, li kien id-Direttur fi hdan id-Dipartiment, ma xehedx f'dawn il-proceduri ghaliex sfortunatament huwa miet fil-mori tal-istess proceduri. In kwantu jirrigwarda l-istruzzjonijiet moghtija rigward l-accettazzjoni ta' photocopies id-Difiza produciet bhala xhud lil Charles Lia (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 87 sa 92 tal-process) fejn dan qal illi fiz-zmien in dizamina huwa kien jahdem fid-Dipartiment tal-Licenzji fi hdan l-ADT u kien kollega tal-imputat u huwa kkonferma dak li qal l-imputat li meta dahlet is-sistema li jsir test tat-theory ghall-ewwel is-sistema kienet li wiehed irid jipproduci c-certifikat originali sabiex ikun jista' joqghod ghall-ezami tal-prattika izda dan ix-xhud spjega li sussegwentement huma inghataw struzzjonijiet mis-superjuri taghhom li setghu jigu accettati photocopies tac-certifikati sabiex jigu processati l-applikazzjonijiet. Dan ix-xhud spjega li meta kien hemm l-investigazzjonijiet dwar tbaghbis fic-certifikati regghet bdiet tigi addottata l-policy li setghu jigu accettati biss ic-certifikati originali u mhux photocopies. Stephen Vella fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2008 prezenta kopja ta' Memorandum datat 13 ta' Ottubru 2006 li ntbaghat lill-istaff kollu tal-Licensing Department, inkluz lill-imputat, liema imputat fil-fatt semma dan il-Memorandum fl-istqarrija tieghu, fejn l-istaff inghataw struzzjonijiet li kellhom jaccettaw biss certifikati originali tat-teorija.

Stephen Mallia xehed f'dawn il-proceduri fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2009 fejn huwa kkonferma li f'zewg jew tlett okkazzjonijiet kien ghadda 'tip' ta' Lm2 kull darba lill-imputat u dan ghaliex l-istess imputat kien jaqdih u jidhol waqt il-brejk sabiex jipprocessalu l-karti sabiex huwa ma

joqghodx jistenna fil-queue. Dan ix-xhud qal li kien tah dawn il-flus bhala kumpliment u spjega li l-istess imputat qatt ma talbu xejn u kien huwa li kien jitfalu iz-Lm2 fil-but.

Ikkunsidrat:

Illi orignarjament l-imputat gie akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 112 tal-Kodici Kriminali u cioe' meta ufficjal pubbliku jesigi l-flus kontra l-ligi izda sussegwentement giet mizjuda imputazzjoni ohra fejn l-imputat gie ukoll akkuzat bir-reat ta' korruzzjoni kontemplat fl-Artikolu 115 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn ezami bir-reqqa tal-atti processwali jirrizulta evidenti li l-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha kontra l-imputat fuq ix-xhieda ta' Stephen Mallia. In kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat u cioe' dik fejn huwa qed jigi akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 112 tal-Kodici Kriminali l-Qorti jidrilha li la mix-xhieda tal-imsemmi Stephen Mallia u l-anqas minn kwalunkwe prova ohra li ngiebet mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz ma jirrizulta li l-imputat fil-kwalita' tieghu ta' impjegat mal-Gvern jew ta' ufficjal pubbliku qatt esiga xi flus minghand xi hadd. Stpehen Mallia kien car meta qal li l-imputat qatt ma talbu flus izda spjega li kien hu li kien jitfghalu Lm2 fil-but bhala kumpliment. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li bl-ebda mod ma rrizulta li l-imputat huwa hati tar-reat ta' esazzjoni kontemplat fl-Artikolu 112 u huwa sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tieni mputazzjoni l-imputat qed jigi addebitat bir-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku kontemplat fl-Artikolu 115 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li l-imputat kien ufficjal pubbliku fid-data indikata fl-akkuza u jirrizulta wkoll li f'zewg jew tlett okkazzjonijiet huwa ircieva tip ta' Lm2 kull darba minghand Stephen Mallia liema tips gew mghotija lilu ghaliex huwa kien jaqdi lill-imsemmi Mallia billi jidhol fil-brejk u jipprocessalu l-karti sabiex dan ma joqghodx

jistenna fil-queue. Qabel xejn irid jinghad li bl-ebda mod ma gie pruvat li l-imputat accetta xi flus sabiex jghaddi photocopies ta' certifikati u jinghad ukoll li l-Qorti jidrilha li jezisti dubju dwar x'kienu l-istruzzjonijiet li nghataw l-istaff dwar l-accettazzjoni o meno tal-photocopies. Dan id-dubju huwa bbazat kemm ghaliex Carmel Lia jikkonferma dak li qal l-imputat fir-rigward kif ukoll minhabba l-fatt li l-Qorti jidrilha li hija haga pjuttost stramba li f'Ottubru 2006 inhareg Memorandum fejn l-istaff inghataw struzzjonijiet li kellhom jigu accettati biss certifikati originali tat-teorija. Wiehed gjustament jistaqsi jekk il-policy dejjem kienet li kellhom jigu accettati certifikati originali x'kienet il-htiega tal-imsemmi Memorandum.

Il-kwistjoni kollha f'dan il-kaz tibqa' jekk l-accetazzjoni da parti tal-imputat taz-Lm2 tips li inghataw lilu fit-tlett okkazzjonijiet tistghax titqies bhala bribe kif qed issostni l-Prosekuzzjoni jew jekk alrimenti dawn il-flus inghatawx biss bhala kumpliment u ghalhekk ma jistghax jitqies li kien hemm xi forma ta' korruzzjoni kif qed issostni d-Difiza. Din il-Qorti ser taghmel ampja referenza ghal dak li qal l-awtur Taljan Manzini fil-ktieb 'Trattato di Diritto Penale' fejn dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku jghid:

"*1396. La tutela penale si volge ad impedire che i pubblici ufficiali accettino retribuzioni non dovute per atti del loro ufficio, sfruttando e invilendo in tal modo l' ufficio e la qualita' di cui sono investiti.*"

L-istess awtur jispjega s-segwenti:-

*"Dal punto di vista oggettivo il concetto di "retribuzione" implica le idée di relazione e di proporzione. Quando manca la relazione oggettiva del dono con l'atto compiuto o da compiersi dal pubblico ufficiale, ovvero quando manca la proporzione minima sufficiente tra essi, per essere il dono di gran lunga sproporzionato in meno all'importanza dell'atto (tenuto conto della potenzialita' del donante), si esclude dal dono stesso il carattere di retribuzione. E poiche' non v'ha corruzione senza retribuzione, il titolo di corruzione sara' sempre da*

*escludersi quando in concreto si accerti la mancanza della detta relazione o proporzione oggettiva."*

*"Non costituiscono corruzione i piccolo dono occasionali, complimentosi, di commestibili, di bibite, di sigarri, e d'altre simili inezie, la cui offerta ha mero carattere di cortesia, piu' o meno disinteressata non importa. Guai se si dovesse sindacare troppo minutamente la sincerita' e il disinteresse di tutte le cortesie che si ricevono!"*

*"Le retribuzione o la promessa di retribuzione deve essere in danaro o in altra utilita'. Per la nozione di codesti elementi rimandiamo al n. 1384 II."*

*"Lo stabilire se l' utilita' data o promessa abbia carattere di retribuzione per un atto d'ufficio, e' questione di fatto da decidersi di caso in caso, in base alle risultanze processuali, con apprezzamento del giudice del merito insindacabile da parte della corte di cassazzione (1). S' intende poi che il magistrato e' liberissimo di convincersi indipendemente da ogni simulazione (es: finta vendita, ecc.) alla quale i colpevoli siano ricorsi per occultare il reato."*

*"I premi, le mance e simili, per prestazioni ordinarie, in quanto presentino in concreto quel carattere di proporzionalita', di cui abbiamo parlato sub I, non possono essere accettate dai pubblici ufficiali senza incorrere nel delitto di corruzione, fuori dei casi in cui siano espressamente o implicitamente autorizzate dalla legge. La pubblica amministrazione tollera che tali premi possano essere dati e ricevuti soltanto dagli inservienti, fattorini e simili (che non sono pubblici ufficiali), e da quelli tra i pubblici ufficiali che, come i notai e gli ufficiali giudiziari, sono retribuiti direttamente dal privato in base ad una tariffa minima."*

Meta wiehed japplika dawn il-principji ghall-kaz odjern l-Qorti jidrilha li ghalkemm l-ammont li mill-provi jirrizulta li l-imputat accetta sabiex jiffavorixxi lil Mallia billi jidhol jahdem waqt il-brejk u b'hekk jevitalu li joqghod jistenna fil-queue, kien minimu, xorta wahda jista' jitqies bhala

‘*retribuzione’* skond id-definizzjoni moghtija minn Manzini ghaliex jirrizulta pruvat li l-imputat accetta ammont ta’ flus, ghalkemm f’ammont nominali, sabiex jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel meta fil-fatt ma kien dovut ebda ammont ghal dak is-servizz. L-imputat sejjer ghalhekk jigi misjub hati tat–tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu izda l-Qorti sejra tiehu n konsiderazzjoni l-fatt li l-ammont involut kien verament wiehed zghir ghal finijiet ta’ piena u fic-cirkostanzi, anki ghaliex l-imputat ghandu fedina penali netta jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja sospiza fil-minimum.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18 u 115 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal perijodu ta’ tmintax (18) il-xahar millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel akkuza migjuba fl-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

Barra minn hekk il-Qorti tordna l-interdizzjoni generali perpetwa tal-imputat ai termini tal-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti inoltre tordna li estratt ta’ din is-sentenza jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------